**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.14 Niċċelebraw l-imħabba vera ta' bejnietna**

**L-Għanijiet:**

1. Jingħataw l-opportunità li jiċċelebraw il-veru sens ta' mħabba flimkien bħal aħwa.
2. Jieħdu pjaċir jiċċelebraw flimkien.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Music Video – "Jesus Loves Me"

  http://www.youtube.com/watch?v=oliRlM6iw3c

- Music Video – "Love each other"

  http://www.youtube.com/watch?v=iGi4Df2cv_Q

- Karta ta' taħriġ: 3.8.



**Naqsmu flimkien:**

- Permezz ta' din il-lezzjoni int mistenni tagħraf kemm it-tfal tgħallmu affarijiet matul dan il-kapitlu billi toħloq diskussjoni dwar kif aħna nħobbu lil xulxin bħal aħwa.
- Ħeġġeġ lit-tfal biex jispjegaw fi kliemhom dak kollu li tgħallmu.



- Għinhom permezz ta' mistoqsijiet gwida.
- Għen lit-tfal jieħdu pjaċir isibu t-triq lejn Ġesà. Dan għamlu billi tistieden lit-tfal jiftħu l-kotba tagħhom fuq il-karta 3.8 li inti għandek tippreżenta fuq IWB u tgħinhom isibu t-triq lejn Ġesù. Importanti turihom li jsibu l-itwal triq li tibda mit-tifla fuq ix-xellug. Fiehem li naslu għand Ġesù billi f'ħajjitna ngħinu kif qed naraw fl-istampi.

**Niċċelebraw flimkien:**

- Ikkonkludi li Alla jħobbna ħafna u aħna għandna nħobbu lil xulxin bl-istess mod.
- Uri ż-żewġ videos lit-tfal u oħloq atmosfera ta' festa u ċelebrazzjoni ta' mħabba billi tistieden lit-tfal iqumu minn posthom u jkantaw flimkien dawn iż-żewġ diski.
- ***Meta nisimgħek qed nuri li nħobbok.***

